**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 20 ta' Gunju 2018**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 360/2018**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Christabelle Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-18 ta' April 2018 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi skrittura privata datata 1 ta' Dicembru 2009 (Dok. "A"), fejn is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Christabelle Zammit.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Christabelle Zammit fis-somma ta' tmintax-il elf u wiehed u sittin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€18,061.84), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Christabelle Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' April 2018 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibita bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christabelle Zammit
(a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Christabelle Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuta Christabelle Zammit giet interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2014, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "C", sabiex

jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neeessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-skrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibita bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christabelle Zammit (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Christabelle Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas Iura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna IiI Christabelle Zammit thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmintax-il elf u wiehed u sittin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€18,061.84), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Christabelle Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' April 2018 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2014 kontra l-konvenuta u tal-Mandat ta' Sewkestru Ii qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuta Ii hija ingunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2018 u n-nota ta’ ammissjoni fejn il-konvenuta fejn ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuta Christabelle Zammit thallas lil-bank attur is-somma ta’ tmintax-il elf u wiehed u sittin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€18,061.84), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-istess konvenuta skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' April 2018 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur